# Wirja ta' Bambini

**Pawlu Pace**

Huma l-bosta l-pajjiżi li għandhom tradizzjonijiet marbuta ma' Ġesù Tarbija jew Tfajjel, il-Bambin. Magħrufin huma l-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka u l-Italja. Aħna f'Malta ħadna ħafna mill-Italja u mit-tradizzjonijiet Sqallin, Naplitani u Rumani. M'inix se nikteb fuq dawn kollha.

Il-Bambin huwa rrappreżentat f'għamliet u b'materjal varju. Il-materjal jista' jkun tax-xema', ġibs, injam, tafal, ġebel, resin, kartapesta, plastik, ċeramika, u l-bqija. L-għamla tal-qagħda tal-Bambin tvarja wkoll, kif ukoll it-tiżjin li fih jitqiegħed jew jiġi mdawwar – waħdu, f'kaxex, f'bozoz jew niċeċ tal-ħġieġ, bil-fjuri tal-ganutell, taħt siġar, bin-ngħaġ u bil-bebbux tal-baħar, tiben, ħarir, damask...

**Bambini partikulari**

Bambin irżin illum popolari mad-dinja kollha huwa dak ta' Praga. Oriġina fi Spanja tal-ħmistax-il seklu iżda li ttieħed fil-belt ta' Praga, il-belt kapitali tar-Repubblika Ċeka, minn prinċipessa Spanjola bl-isem ta' Polisena. Din irregalatu lill-patrijiet Karmelitani Tereżjani tal-post fi żminijiet iebsa. Għax qala' l-grazzji l-qima lejh xterdet mad-dinja kollha. Il-figura hija wieqfa li tirrappreżenta lil Ġesù Sultan ta' xi sentejn b'kuruna fuq rasu liebes mantell wiesgħa sa saqajh b'idejh miftuħa b'tal-lemin ibierek bi tliet iswaba u fl-oħra jżomm globu b'salib (tal-Kavallieri ta' Malta) fuqu.

Il-Bambin ta' Araceli għandu wkoll l-istorja interessanti tiegħu. Ngħid biss li huwa l-mira tal-koppji mixtieqa għall-ulied. Mhux biss iżuruh iżda bosta huma dawk li jibgħatulu ittri b'talb biex ix-xewqa qaddisa tagħhom tiġi milqgħuha.

Mill-Ġermanja jiġu l-bambini tal-injam, magħmulin b'reqqa tal-għaġeb u għalhekk trid tħallas sewwa biex tiksibhom.

Bambini mfittxija ħafna huma r-repliki tal-Bambin li jintuża f'Betlehem, fl-Art Imqaddsa. Huwa l-Bambin li jagħmlu l-purċissjoni bih fil-Lejl tal-Milied fil-Bażilka tiegħu. Dan wara jitqiegħed fl-art ta' għar fuq l-istilla tal-fidda li tradizzjonament timmarka l-post fejn twieled l-Iben ta' Alla mill-Verġni Sidtna Marija.

**Bambini Maltin**

Ftit magħrufa u li aktar ġejjin mill-qedem fit-tradizzjoni Maltija huma l-bambini, llum pjuttost rari, imnaqqxa mill-ġebla Maltija. Mill-forom qodma tal-ġibs u llum tal-plastik barra mill-materjal varju joħorġu wkoll bambini żgħar taċ-ċomb.

Popolari bosta f'pajjiżna sa nofs seklu ilu kienu l-bambini tax-xema. Magħmula mix-xama mħallat b'ilwien il-karnaġjon f'għamliet varji, b'għajnejn tal-ħġieġ u b'xagħar naturali ta' tfal żgħar x'aktarx dehbi għerja jew mlibbsa, dawn il-bambini fihom faxxinu partikulari. Kienu magħrufin għalihom xi saċerdoti u sorijiet, iżda ma' San Ġorġ Preca u l-purċissjonijiet tal-Museum, daħlu għalihom ukoll għadd ta' soċji. Min fost is-



saċerdoti, insemmi lil Dun Belinn Azzopardi li għex għal snin twal fil-Mellieħa famuż għas-sbuħija ta' bambini lewn il-karnaġjon tari u b'xagħar dehbi li kien joħloq mix-xehda tal-qolol in-naħal tiegħu. Jien midħla wkoll max-xogħolijiet artistiċi tal-imgħallem Karmenu Buttigieg u l-familja tiegħu minn Ħal-Lija.

**Bambini oħra**

Fost il-bambini ferm espressivi nsemmi dawk tal-kartapesta li jiġu mill-belt ta' Lecce l-Italja. (Minn Lecce jiġu wkoll statwi *life size* bħall-Madonna tal-Karmnu u ż-żewġ personaġġi ta' Santa Tereża ta' Ġesù u San Xmun Stock li għandna fis-Santwarju). Għandi ftit bambini bil-korp maħduma mit-tiben u l-partijiet fejn jidhru mix-xema' xogħol ta' Swor Tarċisja, Franġiskana Ngliża ta' Marija, li għexet għal xi żmien f'pajjiżna. Jolqtu llum il-bambini ta' lewn u fattizzi suwed li daħlu ftit snin ilu.

**Il-wirja tiegħi**

In-namra tiegħi ma' Ġesù Bambin tmur lura mindu n-nanna tatni bambin meta kelli ħames snin. Illum nifhem aktar minn qatt qabel kemm tidħol il-fidi wara t-tradizzjoni tal-Bambin. U ferħ jimla' qalbi kulmeta nara tbissima sempliċi u ċerta paċi fuq wiċċ il-ħafna nies Maltin u barranin li jżuru l-wirja ta' kwantità kbira bambini li jien ġemmajt tul ta' ħamsin sena. Hija x-xewqa tiegħi li kulmin jiġi jara l-wirja joħroġ imqawwi fil-fidi u mfarraġ mill-ħlewwa ta' Ġesù Bambin.

Il-kollezzjoni tiegħi llum tgħodd il-mijiet. Hija varja ħafna. Tinkludi t-tipi u l-eżemplari li semmejt aktar 'il fuq. Jien infittex li nżidha billi npartat ma' eżemplari li ma jkollix, bla ma nqisx jekk ikunx fihom xi ħsara, għax b'xi mod jew ieħor nara kif nerġa' nġibhom għal kif kienu oriġinali. Kultant nistqarr li ġieli ttentajt li nibdel il-pożizzjoni tagħhom. U għax-xuxa nuża' x-xagħar taż-żewġ uliedi bniet. Waqt li marti Mary tgħoxa tfassal, tħit u kultant tirrakma l-ilbies skont il-ħtieġa.

Uħud mill-bambini jmorru lura ħafna fiż-żmien. M'għandix wisq x'nuri dwar dati oriġinali, iżda naf żgur li għandi bambin tax-xema' armat ġol-ħġieġ u mżejjen bi fjuri tal-ganutell li ġie magħmul fl-1730.

Tellajt kemm-il wirja f'dawn l-aħħar għoxrin sena, għalkemm inħalli sentejn jew iżjed bejn waħda u oħra. Trid ħafna xogħol u ħin biex inħejjiha sewwa. U meta tkun armata teħodli ħafna ħin biex noqgħod man-nies li jiġu, minkejja li nsib ħafna għajnuna minn marti. Hekk kif navża fuq il-mezzi tax-xandir nazzjonali u nagħti xi intervista tgħidx min jiġi jżurha. Fl-1996 meta kien fuq viżta privata f'pajjiżna ġie jaraha l-Kardinal Francis Arinze li għadu kemm temm l-inkarigu bħala l-Prefett tal-Kunsill Pontifiċju għad-Djalogu Inter-reliġjuż. Kien ġie jqaddes fis-Santwarju ta' S. Tereża tal-Bambin Ġesù u mbagħad għadda fil-lokal tal-wirja. Deher impressjonat b'dak li ra u ħallieli tifkira taż-żjara tiegħu fil-*Visitors' Book* li nżomm b'għożża kbira. Kien ukoll ta' sodisfazzjon kbir għalija meta fl-2004 is-Soċjetà Filatelika Maltija talbitni tagħżel tliet eżemplari mill-kollezzjoni tiegħi biex jidhru fuq il-bolli ta' 8 ċenteżmi bħala parti minn sett ta' erba'.

